MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 219/2010

**A B f' isimha proprju**
**u ghan-nom tal-minuri C B**
**vs**
**D E**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet: li minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut D E, twieled it-tifel C fit-22 ta' Settembru 2007 li fuq ic-certifikat tat-twelid numru 3107/07 gie registrat bhala bin missier mhux maghruf; li pero' kif jikkonfermaw it-testijiet xjentifici tad-DNA C hu l-wild naturali ta' D E; u ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1] tiddikjara li l-konvenut D E hu l-missier naturali tat-tifel C; [2] tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid relattiv; u [3] li dawn il-korrezzjonijiet ordnati mill-Qorti jsiru mid-Direttur tar-Registratur; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li, wara li ssolleva eccezzjoni procedurali, oppona li jigi assoggettat ghal xi spejjez;

Rat li l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur giet sorvolata bil-korrezzjoni ordnata minn din il-Qorti;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottor Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel C li hi weldet fit-22 ta' Settembru 2007 huwa l-wild naturali tal-konvenut D E; kif ukoll sabiex il-Qorti tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid 3107/07.

Illi mill-provi jirrizulta li fis-sena 2005 l-attrici iltaqet mal-konvenut D E, u eventwalment dawn bdew relazzjoni bejniethom. Wara ftit, l-attrici harget tqila mill-istess konvenut; u fit-22 ta' Settembru 2007 twieled it-tifel C.

Illi l-attrici ssostni li dan it-tifel huwa bin naturali tal-konvenut E peress li hi kellha relazzjonijiet intimi esklussivi ma' dan l-intimat fil-perijodi ndikati mill-ligi.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jikkonfermaw it-tezi ta' l-attrici li C huwa l-wild naturali tal-konvenut D E.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u, filwaqt li tiddikjara li t-tifel C li twieled mill-attrici fit-22 ta'

Settembru 2007 huwa l-wild naturali tal-konvenut D E, tilqa' l-kumplament tat-talbiet fit-termini taghhom.

L-ispejjez jkunu a kariku ta' l-attrici f' isimha proprju u tal-konvenut D E fi kwoti wgwali bejniethom.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------